# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 28 ta' Marzu, 2023**

**Numru 4**

**Rikors Numru 687/19 TA**

**Marlon Testa KI 391794M**

**vs**

**Robert Mercieca KI 144169M**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ġuramentat ta' Marlon Testa (l-Attur) tat-12 ta' Lulju 2019 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

> "1. Illi r-rikorrenti waqt li kien qed isuq mutur numru HBS-409 tal-marka Honda nhar is-17 ta' Dicembru 2017 gewwa Triq Dawret il-Gudja, Gudja safa mtajjar mill-intimat li kien qed isuq il-vettura ROB-269;
>
> 2. Illi l-incident stradali in kwistjoni sehh minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-intimat;
>
> 3. Illi fl-incident ir-rikorrenti sofra feriti gravi kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi u ghalhekk kawza tal-incident huwa garrab danni kemm materjali u anke danni futuri tat-tip *lucrum cessans*;
>
> 4. Illi minkejja li nterpellat sabiex jersaq ghall-hlas tad-danni l-intimat baqa' nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza:-
>
> Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara li l-intimat kien negligenti, sar b'imperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku meta huwa waqt li kien qed isuq vettura numru ROB-269 tajjar lir-rikorrenti li kien qed isuq mutur numru HBS-409. Illi ghalhekk dana l-incident stradali sehh htija tal-intimat;

2. Tillikwida d-danni li sofra r-rikorrenti u dana anke bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tordna lill-intimat sabiex ihallas id-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, bl-imghax legali mid-data tal-presentata tac-citazzjoni, u b'hekk l-intimat jibqa' ngunt ghas-subizzjoni."

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Robert Mercieca (l-konvenut) tas-26 ta' Awwissu 2019 li permezz tagħha wieġeb u eċċeppixa s-segwenti:

"1. Illi l-eccepjenti ma hux responsabbli ghall-incident de quo, li sehh minhabba tort imputabbli unikament lill-attur.

2. Illi konsegwentement ma hemm ebda danni x'jigu likwidati favur l-attur;

3. Illi anke in pessima ipotesi, u minghajr pregudizzju ghall-premess, l-eccepjenti m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri stante li ma sar ebda tentattiv mill-attur sabiex jirrisolvi l-vertenza bonarjament, billi qatt ma ghamel kuntatt la ma l-eccepjenti, u lanqas ma' l-assiguraturi tieghu Citadel Insurance plc – tant hu hekk illi l-attur ma hux qed jirreklama spejjez ghal interpellazzjoni gudizzjarja;

Bl-ispejjez."

Rat l-atti u dokumenti kollha fil-Kawża;

Semgħet ix-xhieda prodotta mill-partijiet fil-perkors tal-Kawża;

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' Fatti**

**1.** Il-fatti jirrigwardaw inċident stradali li seħħ fis-17 ta' Diċembru 2017 fi Triq Dawret il-Gudja, Gudja filwaqt li l-Attur kien qiegħed isuq il-mutur bin-numru HBS-409 fil-waqt li l-konvenut kien qiegħed isuq il-vann bin-numru ROB-269.

**2.** Kienet ġurnata ta' xita u meta l-konvenut kien ser idur għal triq laterali seħħet il-kolliżjoni bejn iż-żewġ partijiet bil-konsegwenza li l-Attur soffra ġrieħi ta' natura permanenti. Dak il-ħin it-tnejn kienu ġejjin mid-direzzjoni tal-ajruport lejn id-direzzjoni taż-Żejtun. Fil-karreġġjata fejn seħħ l-inċident hemm linji interrotti pero' mhux daqstant visiv li jifirduha mill-karreġġjata l-oħra għat-traffiku li jkun sejjer fid-direzzjoni tal-ajruport. Il-karreġġjata li fiha seħħ l-inċident jidher li hija wiesgħa biżżejjed li tiflaħ żewġ linji tat-traffiku sejrin fl-istess direzzjoni iżda f'din il-karreġġjata ma hemmx linji mal-art tat-triq li jindika dan.

**Punti ta' Liġi**

**3.** Il-kawżali u t-talbiet kif imfassla f'din l-azzjoni huma diretti sabiex jimputaw *culpa aquiliana* lill-konvenut, għad-danni li l-Attur jallega li soffra u qed isofri konsegwenza tal-ħsara li huwa ġarrab fuq il-persuna tiegħu f'dan l-inċident.

**4.** Il-liġi tikkontempla danni naxxenti minn *culpa aquiliana* fl-artikoli 1031 et seq tal-Kodiċi Ċivili. F'azzjoni bħal din jispetta lill-Attur li jġib il-prova tal-ħtija u li tassew ġarrab id-danni.

**5.** L-Art 1031 tal-Kap 16 jistabilixxi illi "*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*". Din in-norma tal-liġi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana tiskatta l-prinċipju illi min ikun l-awtur tal-ħsara huwa obbligat jagħmel tajjeb għall-konsegwenzi negattivi li l-att iġib miegħu.

**6.** Il-liġi ġenerali tagħna ma tagħtix tifsira ta` *culpa* iżda bħala effett tal-Art 1032(1) tal-Kap 16 tidentifikaha bħala mġieba fejn jirriżulta nuqqas ta`

prudenza, nuqqas ta` diliġenza u nuqqas ta` ħsieb tal-bonus paterfamilias. F'dan ir-rigward l-ermenewtika ġurisprudenzjali lokali tgħallem li *"min ifittex għad-danni jrid jipprova mhux biss l-att jew ommissjoni kolpuża iżda li dak l-istess att jew ommissjoni għandhom konnessjoni ta` kawża u effett mad-danni sofferti*" (**ara - Kollez. Vol. XXX. I. 142**). L-istess Sentenzi jkomplu jispjegaw li "*l-kolpa fil-każ ta` fatt dannuż li minnu toriġina l-azzjoni akwiljana tavvera ruħha filli wieħed jagħmel att volontarjament u jonqos li jipprevedi l-effett dannuż ta` dak il-fatt meta seta` jipprevedi dak l-effett*" (ara - **Kollez. Vol. XLII. I. 74)**.

**7.** Dan ifisser illi wieħed jeħtieġ jorbot l-att kolpuż minħabba imprudenza jew nuqqas ta` diliġenza mal-prevedibilita` ta` l-event dannuż; "*prevedibilita` din li trid tkun ta` probabilitajiet raġjonevoli u mhux ta` possibilitajiet remotissimi u inverosimili*" (ara ukoll **Kollez. Vol. XLVIII. I. 258**). Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXIV. I. 172**, ingħad li hemm l-culpa: "*quando vi ha la violazione di un dovere ed una volontaria omissione di diligenza per cui non si prevedono le conseguenze della propria azione od omissione, e si viola il diritto altrui, senza volerlo ed anche senza avvedersene*."

**8.** Di piu fis-Sentenza fl-**ismijiet Michael D`Amato noe -vs- Filomena Spiteri et deċiża minn din il-Qorti fit-3 ta` Ottubru 2003,** b`riferenza għall-Art 1031 tal-Kap 16, intqal hekk li:- "*Din in-norma tal-ligi fil-kamp tar-responsabilita` akwiljana jew extra kontrattwali tikkostitwixxi l-punt kardinali in subjecta materia, u tennuncja l-principju in virtu ta` liema l-lezjoni kagjonata lis-suggett tobbliga lill-awtur tal-lezjoni li jirrizarcixxi l-konsegwenzi negattivi, ossija d-danni, kompjuti bl-att tieghu. Issa kif saput, il-fonti primarju tar-responsabilita` civili hi*

*ravvizata fl-imgieba imputabbli ghal dolo jew culpa. Il-ligi civili taghna ma tiddefinixix il-kolpa civili fl-ghemil izda taghmlu jikkonsisti fin-nuqqas ta` prudenza, nuqqas ta` diligenza u nuqqas ta` hsieb tal-bonus paterfamilias [Artikolu 1032 (1), Kodici Civili]. Dan jikkorrispondi in criminalibus ghan-nuqqas ta` hsieb, bi traskuragni, jew b`nuqqas ta` hila fl-arti jew professjoni tieghu jew nuqqas ta` tharis tar-regolamenti statwit fl-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali*".

**9.** Fl-aħħar nett fis-**Sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-15 ta` Diċembru 2015 fl-ismijiet Paul Azzopardi et -vs- Charles Grech** et kien eluċidat is-segwenti:-

" … *jidher li l-azzjoni attriċi tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili marbut mad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1038 tal-istess Kodiċi. Illi huwa prinċipju ewlieni f`azzjoni ta` danni li min jallega li ġarrab ħsara bi ħtija jew l-għamil ta` ħaddieħor irid jipprova r-rabta bejn il-ħsara mġarrba u dik il-ħtija jew dak l-għamil. Għalkemm il-liġi tagħna ma tfissirx x`inhi l- 'ħtija', madankollu tgħid li jkun jitqies fi ħtija min f`għemilu jonqos li juża l-prudenza, l-għaqal u l-ħsieb ta` missier tajjeb tal-familja."*

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Bħal ma dejjem jiġri f'każijiet bħal dawn il-Qorti l-ewwel ma tqies l-element ta' responsabbilita u wara, f'kaz li jirriżulta li hemm din ir-responsabbilita, tikkonsidra d-danni sofferti u ta' liema natura huma. Id-danni klassikament dejjem iqisu żewġ kwalitajiet: dawk li huma danni effettivi (*damnun emergens*) u dawk li jikkonsistu f'telf fil-futur (*lucrum cessans*). Dan joħroġ anke minn dak li jiddisponi artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili li jgħid hekk:

"*Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'l quddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-għemil seta' jġib.*" (emfażi tal-Qorti).

**11.** Pero' din il-Qorti tagħti ukoll importanza l-prinċipju tar-*restitution ad integrum,* fis-sens li l-vittma għandha titqiegħed fil-posizzjoni li kienet qabel ma seħħ l-inċident. Il-Qorti hija konxja li dan il-prinċipju huwa speċi li għandu aktar minn natura ta'desiderata milli rejali għaliex huwa prattikament impossibbli li wara inċident gravi l-persuna terġa' titqiegħed fl-istat psiko-fiżiku li kienet fih qabel seħħ l-inċident. Din il-Qorti issejjaħ dan l-element bħal integrita' tal-persuna.

F'dan ir-rigward din il-Qorti kif presjeduta qalet hekk:

*"L-għotja ta' flus, kbira kemm tkun kbira, qatt ma tista' tirrintegra lill-vittma għall-istatus quo ante. Jekk l-attur kien jipprattika sport, kif fil-fatt kien jagħmel, dan ma hux ser jagħmlu aktar, u jekk kellu il-ħila li jkollu żewġ impjiegi, issa l-anqas wieħed ma jista' jkollu.*

*Mhux ħtija tiegħu li ma baqax bniedem bil-ħiliet u kapaċitajiet li kellu qabel l-inċident. Għalhekk dan l-aspett għandu wkoll jittieħed inkonsiderazzjoni. F'dan ir-rigward* ***Munkmen isemmi l-każ ta' Heil -vs- Rankin*** *fejn intqal hekk:*

*"The Court's approach involves trying to find the global sum which most accurately in monetary terms reflects or can be regarded as reflecting a fair, reasonable and just figure for the injuries which have been inflicted and the consequences they will have…" ( Ara* ***Munkmen on Damages for Personal Injuries and Death 12th ed, Lexis Nexis, pg 3****).*

*Għalhekk, din il-Qorti, apparti li ser tkun qed tillikwida somma fuq il-linji li evolvew b'Sentenzi ta' dawn il-Qrati fuq gwida tal-prinċipji ennunċjati f'Butler-vs-Hurd, ser tkun qed tagħti somma oħra, li taghmel tajjeb għat-telf tal-integrita' psiko-fiżika u soċjali tal-persuna, integrita' li tikkomprendi t-taqlib li jkun ġab miegħu l-inċident fil-ħajja ta' dak li jkun."*

**<u>Ir-responsabbilita'</u>**

**12.** Il-Qorti eżaminat sewwa l-fatti li għandha quddiemha. Huwa paċifiku li l-partijiet kienu sejrin lejn l-istess direzzjoni u li kienu fl-istess karreġġjata. Huwa ukoll ċar li fil-waqt li l-Attur fuq in-naħa ta' barra tal-karreġġjata, il-konvenut kien fuq in-naħa ta' ġewwa (ara fol 227 - deskrizzjoni fir-rapport tal-Attur). Kemm mix-xhieda tal-Pulizija u anke tal-konvenut jirrisulta li dak in-nhar kienet ix-xita (ara a' fol 19 u 276 kontro ezami tal-Attur). Mill-fatti jirrisulta li f'xi ħin kien hemm akkostament bejn iż-żewg vetturi. Huwa ukoll ipprovat li l-konvenut minn fejn kien ried idur għat-triq laterali bl-isem ta' Farrugia u li għalhekk kien ser idur għal fuq il-*lane* interna tal-istess karreġġjata minn fejn kien ġej l-Attur.

F'ċirkostanzi simili l-Highway Code jiddisponi hekk:

"*168. Do not keep changing lanes. You MUST use the inner (i.e. left-hand) lane, except when overtaking or turning right. Signal in good time your intention to change lane after making sure that it is safe to do so.*

*193. You should: • give clear signals in plenty of time, after establishing it is not misleading to signal at that time*

*Right of way 212. Unless otherwise indicated, traffic on the major road has right of way over traffic crossing, joining or leaving the major road*". (Emfażi tal-Qorti).

Apparti dan ir-Regolament 7 tal-MVR jipprovdi hekk:

"*When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror*".

Fir-rigward ta' dawn ir-regolamenti kittieba awtorevoli fuq il-materja f'ċirkostanzi bħal dawn jgħallmu hekk:

" A *motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle...making it impossible for the driver of a rear car to avoid collision...The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care...It is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose" (Ara* ***Gibb, Trial of Motor Car Accident Cases pg, 85 section 101****)*.

**13.** Konsonantement ma' dan it-tagħlim fis-**Sentenza fl-ismijiet Brian Taylor nomine -vs- Stephen Brincat li ġiet deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Novembru 1994**, intqal hekk "*ikun hemm bzonn li driver jaccerta ruhu illi bil-qasma tieghu tat-triq ma jkunx ta' ostakolu lill-traffiku li jkun hemm fl-istess triq fuq iz-zewg direzzjonijiet. U meta jkun assikura ruhu b'dan id-driver ikun intitolat jaqsam it-triq'.* Fil-fehma ta' din il-Qorti dan it-tagħlim huwa ugwalment għas-sitwazzjoni li għandha quddiemha anke jekk il-partijiet kienu fuq l-istess karreġġjata sejrin fl-istess direzzjoni għaliex dak li hu essenzjali huwa il-*proper look out* partikulari għal min ikun qiegħed jagħmel il-manuvra biex idur minn fuq il-*lane* għall-oħra anke jekk din il-*lane* tkun fl-istess karreġġjata tat-triq u mhux dik opposta.

**14.** Kemm mill-ħsara fil-mutur u anke mill-ġrieħi li soffra l-Attur jirrisulta li l-manuvra li kien qiegħed jagħmel il-konvenut kienet mix-xellug għal-lemin. Dan jirrisulta anke mill-iskizz pjuttost amatorjali tal-Pulizija għaliex jibqa' dejjem indikattiv tal-posizzjonament tal-vetturi fil-mument li sar. Għalhekk it-tagħlim fis-**Sentenza fl-ismijiet Middle Sea Insurance Company Limited vs Darren Borg mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fit-8 ta' Ġunju, 1999**:

"*Il-manuvra tieghu li jdur lejn il-lemin kienet intiza li tiddisturba l-kors ordinarju tat-traffiku u ghalhekk kien jinkombi fuqu massimu ta' attenzjoni u ma jiccaqlaqx qabel ma jkun cert li dan jista' jaghmlu minghajr perikolu ghalih u ghal utenti l-ohra tat-triq*".

**15.** Minn eżami tal-fatti, fid-dawl tal-liġi u dak li huwa mgħallem kemm mill-awturi u anke mid-deċiżjonijiet ta' dawn il-Qrati, il-Qorti hija konvinta li jaħti għall-inċident il-konvenut.

**16.** Jibda biex jingħad li għalkemm it-temp ħażin żied il-piż tal-*proper look out* fuq il-konvenut, fiċ-ċirkostanzi ambjentali bħal dawn, dan l-obbligu jsir itqal fuq min għandu jkun aktar viġilanti biex jiġi evitat inċident. Jiġi ukoll osservat li l-istqarrija skont il-konvenut ġie rapportat hekk: "*Jiena kont gej mill-ajruport direzzjoni lejn il-Gudja, waqaft biex nidhol gol-Gudja, xeghel lindicator u f'daqqa wahda smajt hoss. <u>Naf li minn warajja l-istess direzzjoni kien gej mutur</u>, qabizni minn naha tieghi u baqa' sejjer mal-art*". Fl-affidavit ma jgħidx li minn warajh kien ġej mutur. Jgħid li "*fil-pront rajt mutur jahbat go fija,*" (a' fol 290). Fl-ewwel versjoni jidher li kien diġa' lemaħ il-mutur ġej minn warajh u kien għalhekk konsapevoli li ġej minn warajh qabel ma għamel il-manuvra.

**17.** Għalkemm l-Attur jgħid li l-konvenut ma kellux *indicator* mixgħul, PS 2007 Teresa Farrugia tixhed li l-konvenut qallha hekk: "…*kien gej direzzjoni mill-ajruport lejn il-Gudja , kien wieqaf fuq il-post u xeghel l-indicator sabiex jidhol fid-direzzjoni l-hawn hekk fejn hemm il-pastizzerija u tigi gol-Gudja"* (a' fol 720 tergo). Fir-rapport jingħad ukoll l-Attur qal "*waqaft biex nidhol gol-Gudja , xeghel l-indicator".* Fuq il-punt jispjega hekk:

"Nghid li jiena dawwart l-isteering biex nipposizzjona il-Vann ghal fuq il-lemin. Nghid li jiena dawwart il-vann lejn il-lemin u <u>waqaft mad-dotted line tan-nofs u domt madwar hames sekondi</u> f'dik il-posizzjoni sakemm kont qieghed nistenna l-karozzi li kienu nezlin mill-karregjata opposta" (Emfażi tal-Qorti a' fol 290).

**18.** Minn dawn il-passaġġi jirriżulta għalhekk li l-waqfien qabel ma dar lejn il-lemin kien għal ftit sekondi u l-*indicator* xegħlu meta waqaf. Iġifieri kollox seħħ fi ftit sekondi meta kif rajna aktar 'l fuq il-liġi tesiġi li l-avviz li ser idur kellu jagħtih qabel u *in good time* biex javża lil dawk li jkunu ġejjin minn warajh.

**19.** Minn dan kollu l-konvenut ma għamel xejn u għalhekk tifhem ukoll għaliex l-Attur jgħid li ma rax l-*indicator* mixgħul għaliex sa ftit sekondi qabel l-inċident fil-fatt ma kienx. Il-Qorti għalhekk tasal għall-konklużjoni li l-Attur ma żammx a *proper look out* u li bil-manuvra li għamel imblokka r-*right of way* li kienet tal-Attur.

**20.** Il-Qorti tfakkar ukoll li omm l-Attur tixhed li meta kien fuq il-post il-konvenut qallha "*skuzani sinjura ma rajtux, vera skuzani*" (a' fol 71). Dan jgħidu ukoll l-Attur in kontroeżami (a' fol 287). Dan il-konvenut ma jgħidux pero' fid-dawl ta' kif seħħ l-inċident il-Qorti ma tistax teskludi li kliem bħal dan intqal mill-konvenut.

**21.** Fl-aħħar nett, din il-Qorti tibqa' skantata, kif il-konvenut jgħid li dak in-nhar kellu lit-tifla u lill-partner tiegħu miegħu (affidavit a' fol 281). B'dana kollu baqa' ma produċihomx bħala xhieda meta dawn suppost raw l-inċident iseħħ.

**22.** Għalhekk fid-dawl tal-prinċipji fuq imsemmija din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-inċident inkwistjoni seħħ bi ħtija esklussiva tal-Attur.

**Likwidazzjoni tad-danni**

*Damnum emergens*

**23.** Fost id-danni effettivi hemm ammonti varji (Ara riċevuti ta' spejjes a' fol 52 sa 63 u kif ukoll a' fol 69). Hemm ukoll il-ħsara tal-mutur li tammonta għal €1,200. Għalhekk il-Qorti qegħdha taqbel ma dak sottomess mill-Attur li l-ammont ta' *damnum emergens* huwa dak ta' **€4,255.67.**

*Lucrum Cessans*

**24.** F'dan ir-rigward il-Qorti mill-ewwel tagħmel referenza għas-**Sentenza fl-ismijiet Evan Xuereb -vs- Vincent Spalding pro et tal-10 ta' Lulju 2002 tal-Prim'Awla** fejn fir-rigward ta' kif jiġu komputati u likwidati d-danni tagħmel użu mis-segwenti kriterji:

**25.** Li l-fehmiet tal-perit mediku maħtur mill-Qorti għandhom iservu bħala mira għall-finijiet ta' likwidazzjoni ta' danni. Din il-mira hija fis-sens li l-perċentwali ta' debilita' hija meqjusa b'mod globali, fuq kif u kemm l-Attur sejjer ikun affettwat 'il quddiem fl-attivitajiet tiegħu u f'saħħtu. Kemm hu hekk, huwa stabbilit mill-Qrati tagħna li għal dak li jirrigwarda l-perċentwali ta' diżabilita', dak li jrid jiġi stabbilit m'huwiex il-grad ta' inkapaċita' f'sens purament mediku, iżda l-effett li l-ħsara personali għandha fuq il-qligħ tal-persuna midruba. Fil-każ li għandha quddiemha d-diżabilita' tal-Attur, skont Massimo Abela hija ta' 3% (a' fol 68). Dan ix-xhud għid li "fl-opinjoni tiegħu s-subgħa ż-żgħir tilef il-funzjoni tiegħu kompletament jiġifieri kull m'għandu bħal issa huwa role estetiku, kosmetiku, Jekk il-problemi jippersistu jaf ikollu bzonn amputazzjoni tieghu" (a' fol 77). Dan

ir-rapport ġie aċċettat mill-konvenut fis-seduta tal-21 ta' Ottubru 2021 (a' fol 257). Għalhekk ma kienx hemm ħtieġa li din il-Qorti taħtar perit mediku tagħha fid-dawl ta' qbil bejn il-partijiet.

**26.** Li sabiex tkun tista' tasal biex tillikwida somma ta' danni xierqa u mistħoqqa bħala kumpens, huwa ta' siwi ewlieni u għal kollox desiderabbli li, safejn possibbli, tkun taf il-ħsara mġarrba mill-vittma kemm sejra tolqot lill-istess vittma fl-assjem tal-attivita' tagħha kollha u mhux biss fl-użu ta' dik il-parti tal-ġisem li tkun indarbet. B'dan il-mod, il-Qorti temmen fis-sħiħ li tkun qiegħdha tevita li tasal għal-likwidazzjonijiet li jew ikunu sproporzjonati mal-ħsara sħiħa li l-vittma tkun ġarrbet tassew, jew iwasslu għall-possibilita' li l-vittma "takkumula" perċentwali ta' debilita' li donnhom "jippremjawha" kumulativament b'mod sempliċement matematiku talli tkun korriet f'aktar minn organu wieħed.

**27.** Dan jidher li japplika iżjed f'dawk li huma każijiet imsejħin bħala "partial wreck cases", fejn il-midrub ma jitlifx għal kollox il-ħila u s-setgħa li jibqa' jaħdem u jagħmel ħafna mill-attivitajiet li kien iwettaq qabel l-inċident.

**28.** F'dan ir-rigward din il-Qorti temmen li trid tiddistingwi bejn żewġ sitwazzjonijiet. Is-sitwazzjoni fejn minkejja l-perċentwal ta' diżabilita permanenti dan ma jipprekludiex lil dak li jkun jissokta fil-ħajja lavorattiva tiegħu u dik is-sitwazzjoni l-oħra fejn apparti l-perċentwalita' ta' diżabilita' l-persuna ser tkun għal bqija tal-ħajja lavorattiva tagħha inkapaċi li twettaq kull xorta ta' xogħol.

**29.** F'din l-aħħar sitwazzjoni l-Qorti, minbarra li taħdem fuq id-diżabilita' bis-solitu formula ta' likwidazzjoni ta' danni, għandha tagħti ukoll somma oħra, li

għandha tkun imħollija fid-diskrezzjoni u sens ta' ġustizzja tal-ġudikant li jistabilixxi din is-somma x'għandha tkun skont iċ-ċirkostanzi li jkollu quddiemu. Il-Qorti aktar 'l fuq diġa' għamlet aċċenn għall-prinċipju riparattiv tal-integrita' psiko-fiżika tal-vittma.

**30.** Qabel ma l-Qorti tgħaddi biex tillikwida s-somma ta' danni li għandha tingħata lill-Attur bħala kumpens, huwa meħtieġ li jiġi mistħarreġ il-kejl li sejjer jittieħed dwar il-ġejjieni li fuqu t-talba attriċi sejra tinbena. Il-kwestjoni tal-multiplier li normalment jintuża bħala mezz biex it-telf ta' qligħ li jingħata l-Attur jiġi kalkolat hija waħda li dwarha l-Qrati tagħna f'dawn l-aħħar żminijiet flew sewwa.

Il-multiplier

**31.** Xi kittieba awtorevoli f'dan il-qasam ifissru l-multiplier bħala "*a figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue - that is, in a personal injury action, until the plaintiff's injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the 'contingencies' (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases*" (**Peter Cane, Atiyah's Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), paġ. 128** ).

**32.** Huwa wkoll stabbilit li l-multiplier għandu jibda jitqies minn dak inhar li seħħ l-inċident li fih il-vittma tkun ġarrbet il-ġrieħi u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal għal-likwidazzjoni. Minbarra dan, il-bixra ta' ħsieb wara Sentenzi ta' dawn l-aħħar snin f'dan il-qasam qiegħda xxaqleb lejn it-tneħħija ta' skemi riġidi li jistgħu jfixklu l-għoti ta' kumpens mistħoqq u xieraq għaċ-ċirkostanzi.

**33.** Illum huwa stabbilit li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta' tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji. Iżda fis-Sentenza fl-ismijiet John u Laura konjuġi **Ransley vs Edward u Lydia konjuġi Restall tal-25 ta' Jannar 2012 il-Qorti** kellha dan xi tgħid:

"*Hawnhekk għandna fattur pjuttost diskrezzjonali. Il-metodu ta' likwidazzjoni tad-danni kien għal żmien twil ibbażat fuq il-prinċipji enunċjati fil-kawża Butler vs Heard deċiża mill-Qorti tal-Appell Ċivili Superjuri fit-22 ta' Diċembru, 1967. F'dik il-kawża intqal li fid-determinazzjoni tal-multiplier wieħed irid jieħu in kunsiderazzjoni c-'chances and changes of life', b'mod li dan il-multiplier ma jwassalx lid-danneġġjat li jieħu kumpens daqs li kieku baqa' jaħdem sad-data li jirtira, iżda l-figura tiġi mnaqqsa biex b'hekk ikun ittieħed in kunsiderazzjoni l-fatt li l-persuna ddanneġġjata setgħet, fil-kors normali tal-ħajja tagħha, ma waslitx qawwija u sħiħa sa l-eta' tal-pensjoni*".

**34.** Iżda l-figura użata għall-iskop tal-Multiplier mhux dejjem ingħatat l-istess tifsira, u lanqas ma dejjem ġew użati l-istess prinċipji. Dan kien wassal biex il-Qorti tal-**Kummerċ fil-kawża Lambert vs Buttigieg deċiża fit-18 ta' April, 1963** fejn kienet qalet hekk:

*"f'din il-materja ta' lucrum cessans il-Qorti għandha tipproċedi b'kawtela kbira peress li l-qliegh hu ħaġa ta' possibilta' u mhux ta' ċertezza u jkun jista' jonqos minn mument għall-ieħor anke għal kwalunkwe kawża materjali bħal mewt jew mard tad-danneġġjat."*

**35.** Fid-data tal-inċident l-Attur kellu 23 sena (a' fol 65). Twieled fid-9 ta' Settembru 1994 (a' fol 226). Ma jidhirx li kellu xi mard ta' natura kronika li setgħu kienu determinanti fuq il-lonġevita' ta' ħajtu. Għalhekk abbażi tal-prinċipji fuq enunċjati ser tqis il-multiplier sal-65 (sena pensjonabbli) li jwassal għal 42 sena.

<u>Il-lump sum payment</u>

**36.** Il-Qorti kkunsidrat ukoll jekk għandux jiġi applikat it-tnaqqis tal-lump sum payment. Skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-lump sum payment huwa dak ta' 20%.

**37.** Dawn il-Qrati għallmu li dan għandu jitnaqqas f'dan il-perċentwal meta jkun għadda żmien qasir mill-event damnuż u s-Sentenza finali (ara **Sentenza fl-ismijiet Scicluna -vs- Meilaq PA 16 ta' Lulju, 2001**). Fis-**Sentenza tal-Prim Awla Caruana -vs -Camilleri PA tal-5 ta' Ottubru, 1993** il-Qorti ħasset li minn dan għandu jonqos xi 2% għal kull sena ta' dewmien. Ġie wkoll propost li m'għandux awtomatikament jitnaqqas skont kemm iddum il-kawża: "*jekk id-danneġġant ma jkollux ħtija fid-dewmien tal-kawża, m'għandux ikun hemm tnaqqis fil-lump sum deduction*" – (ara **Sentenza fl-ismijiet Agius -vs- Fenech 29 ta' Ottubru, 2003**). Fis-**Sentenza tal-Prim'Awla fl-ismijiet Mizzi -vs- Azzopardi tas-16 ta' Diċembru 2004** is-somma ġiet ridotta bi 18% għax kienu

għaddew tliet snin, waqt li fil-kawżi fl-ismijiet **Spiteri -vs- Zammit Tabona App Ċiv Sup tas-16 ta' Marzu tal-1999** u **Caruana A -vs- Camilleri App Ċiv Sup tas-27 ta' Frar 2004**, minħabba li għaddew 8 snin tnaqqas b'10%. 10% ġie mnaqqas ukoll fis-Sentenza fl-**ismijiet Galea -vs- Piscopo PA 3 ta' Ottubru 2003**, 5% **f'Scicluna vs Meilaq PA 16 ta' Lulju 2001** u 0% fil-kawżi **Turner -vs- Agius App Ċiv Sup 28 ta' Novembru 2003**, **Bonnici -vs- Gauci PA 15 ta' Settembru 1999** meta għaddew 15-il sena.

**38.** Il-kriterju huwa kjarament marbut mal-perjodu ta' kemm damet il-kawża u mhux minn meta jkun seħħ l-inċident għaliex dawn iż-żewġ perjodi rari jkunu fl-istess sena.

**39.** Meta din il-Qorti qieset iċ-ċirkostanzi kollha ta' din il-Kawża jidhrilha li l-perċentwali ta'18% bħala lump sum payment ikun ġust.

<u>Il-likwidazzjoni tal-lucrum cessans</u>

**40.** Kwantu għall-entrojtu salarjali tal-Attur f'din il-Kawża jirriżulta li l-Attur kien, kif fil-fatt għadu, sales executive ma' Muscat Motors'. Kellu paga fissa u *commission*. Minħabba l-inċident għamel circa xahar u tlett ġimgħat nieqes mix-xogħol. Daħal lura għax-xogħol fil-5 ta' Frar 2018.

**41.** Sa fejn jirrigwarda l-introjtu tal-Attur, ir-rappreżentant Anthony Cassar jixhed li dan kellu "Roughly b'kollox bil-commission kien jaqla €30,000 fis-sena" (a' fol 232 tergo). Meta l-Qorti eżaminat l-FS3s, il-Qorti tqies li din hija s-somma li rejalment kien jaqla' l-Attur (a' fol 234 sa 256). Dan ix-xhud jgħid, li ma jistax jagħtih ix-xogħol kollu li kien jagħtih qabel għaliex ċertu strapazz ma jiflaħx

għalih (a' fol 232). Bħala paga l-istess kien ser jibqa', il-*commission* jista' jaffettwaha (a' fol 232 tergo). Għalhekk fis-somma imsemmija l-Qorti ser tkun qed tieħu ukoll in konsiderazzjoni *commissions* mitlufa. Hija fuq din is-somma li ser taħdem il-Qorti.

**42.** Kwantu għal-*lump sum payment* tenut kont taż-żmien li ilha għaddejja l-Kawża li kien wieħed relattivament qasir ser tadotta l-perċentwal ta' 18%. Kwantu għall-imgħaxijiet li ssottometta dwarhom l-Attur, il-Qorti ma tirravisa ebda ċirkostanza għalfejn għandha ma tapplikax il-prinċipju ta' *illiquidis non fit mora*. B'dana kollu ser tammetti awment fis-somma ta' 5% sabiex jagħmel tajjeb għall-erosjoni tal-valur tal-flus u anke għaż-żidiet fis-salarju fil-futur.

**43.** Il-Qorti diġa' irrilevat li tkun kemm tkun is-somma li ser tingħata qatt ma tista' tikkumpensa għall-fattur psiko-fiżiku tal-Attur. Fost oħrajn jekk kien jippratika xi sport dan żgur li mhux ser jibqa' jagħmlu. Di fatti omm l-Attur tixhed li kien jippratika l-*boxing*. L-anqas jista' jibqa' jsuq vettura b'mod manwali, li hija ċirkostanza importanti għax-xogħol tiegħu.

**44.** Aktar minn hekk, Mr.Massimo Abela jgħid li "*fl-opinjoni tieghu s-subgha z-zghir tilef il-funzjoni tieghu kompletament jigifieri kull m'ghandu bhal issa huwa role estetiku, kosmetiku. Jekk il-problemi jippersistu jaf ikollu bzonn amputazzjoni tieghu*" (a' fol 77). Dan ifisser, li mhux eskluż li jista' jkun hemm aktar spejjes fil-futur, apparti l-fatt li l-Attur irid jgħix bil-ħsieb ta' din l-amputazzjoni. Dawn huma biss ftit mill-fatturi li jagħtu lok għal danni psiko-fiżiċi. Għalhekk f'dan ir-rigward il-Qorti ser tkun qed tagħti s-somma ta' tlett elef ewro (€3000) li jirrapresentaw 10% tal-entrojtu fuq imsemmi.

**45.** Għalhekk applikati l-prinċipji u fatturi kollha fuq imsemmija l-Qorti tasal għall-konklużjoni li danni rappresentanti *lucrum cessans* jammontaw għal erbgħin elf, mitejn tnejn u tletin Euro (€40,232) li magħduda mad-danni *damnum emergens* jammontaw għal **erbgħa u erbgħin elf, erbgħa mija sebgħa u tmenin punt sebgħa u sittin Euro (€44,487.67**).

**Decide**

Għaldaqstant din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel talba Attriċi;**

**Tilqa' t-tieni talba Attriċi** u tillikwida d-danni sofferti mill-Attur fis-somma ta' **erbgħa u erbgħin elf, erbgħa mija sebgħa u tmenin punt sebgħa u sittin Euro (€44,487.67**).

**Tilqa' t-tielet talba Attriċi** u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-Attur is-somma hekk likwidata bl-imgħaxijiet legali minn din is-Sentenza sal-pagament effettiv.

Spejjes tal-kawża għall-konvenut.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**